**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**
**(Spettur Justine Grech)**

**vs.**

**Mohammed Kouruma**

Numru 223/2015

Illum 16 ta' Marzu 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Mohammed Kouruma**, ta' sitta u tletin (36) sena, iben il-mejjet Mamabi u Mariam neé Diabate, imwieled il-Kosta ta' Ivorju, nhar il-15 ta' Frar 1979, u joqghod gewwa "The Meadows", Flat Nru. 42, Triq l-Alka, San Pawl il-Bahar, u detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-Numru 36689(A) u dokument ta' Identifikazzjoni bin-Numru 1929BB

akkuzat talli fis-26 ta' Frar 2015 u fil-granet ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet

differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, f'hinijiet u f'postijiet diversi madwar Malta:

1. kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprovdi li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprovdi li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), liema

droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

4. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga kienet fil-pussess tieghu f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

5. kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet tal-liberta' provizorja moghti mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja, preseduta mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D., u datata 1 ta' Frar 2011 u kif emendat sussegwentement;

6. ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh, bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputat jew huma proprjeta' tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jitrasferixxi jew xorta'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli, u dan *ai termini* tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tordna lill-imputat sabiex ihallas lir-Registratur ta' l-ispejjez kollha jew parti minnhom li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-Process Verbal ta' l-Inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun

gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni *ai termini* tal-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 3) datat is-26 ta' Frar 2015 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 22(2) ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Avukat Generali ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 193/15 redatt mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman, liema Process Verbal jirrigwarda: *"Sejba ta' droga nhar is-26 ta' Frar 2015 f'Appartament Numru 42, "The Meadows", Triq l-Alka, San Pawl il-Bahar fil-pussess ta' Mohammed Kouruma"* (*a fol.* 27 *et seq.*).

<u>Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'assenjazzjoni datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 100 *et seq.*).</u>

Semghet, fis-seduta tas-6 ta' Awwissu 2015 (*a fol.* 116 *et seq.*), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 347) datata 20 ta' April 2018 li permezz taghha:

- *ai termini* ta' Artikoli 22(2) u 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) ordna li l-imputat jigi processat quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza;

- *ai termini* ta' Artikolu 370(1)(3)(a) tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

    - fl-Artikolu 579(1)(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

    - fl-Artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, fis-seduta tal-24 ta' April 2018 (*a fol.* 348*)*, il-Qorti gabet a konjizzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza tan-Nota tal-Avukat Generali tal-20 ta' April 2018 hawn fuq imsemmija.

Rat illi, fis-seduta tal-24 ta' April 2018 (*a fol.* 348), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-20 ta' April 2018 (*a fol.* 347), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2020, lill-imputat Mohammed Kouruma jixhed minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 372 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2020 (*a fol.* 381 *et seq.*), lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz u b'hekk ghalqet il-provi taghha.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fl-4 ta' Dicembru 2020 (*a fol.* 383).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fit-22 ta' Jannar 2021 (*a fol.* 384 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2015, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Nikolai Sant** (*a fol.* 37 *et seq.*) fejn beda billi spjega li fis-26 ta' Frar 2015 ghal habta tas-1.00pm, membri tal-Iskwadra ta' Kontra d-Droga, cioé PS 518, PC 1500 u PC 243, li fuqhom kellhom Mandat ta' Arrest u Tfittxija, kienu qed jaghmlu osservazzjoni vicin ir-residenza tal-imputat li huwa Flat Numru 42, "The Meadows", Triq l-Alka, San Pawl il-Bahar. Spjega li ghall-habta tal-4.00pm, l-imputat gie imwaqqaf mis-Surgent hekk kif kien qed javvicina l-vettura tieghu. Jixhed dwar dak li gara u dwar dak li nstab minn tfittxija li saret fuq il-persuna tal-imputat u fir-residenza tieghu. Jghid li huwa gie informat b'dak li kien instab u b'hekk mar fuq il-post fejn informa lill-Magistrat tal-Ghassa li ordnat li tinfetah Inkjesta Magisterjali. Jghid li aktar tard huwa nterroga lill-imputat li minkejja li ghall-ewwel kien indeciz jekk ikellimx avukat, wara ddecieda li jikkonsulta ma' Dr. Veronique Dalli. Spjega x'qal l-imputat fl-istqarrija rilaxxata minnu u kkonferma li din l-istqarrija hija dik li tinsab *a fol.* 15 *et seq.* Ezebixxa: rcevuta (Dok. "NS 1" – *a fol.* 43), dikjarazzjoni ta' rifjut ghall-parir legali (Dok. "NS 2" – *a fol.* 44), il-flus li gew elevati fl-ammont ta' elfejn u mitt Euro (€2,100) (Dok. "NS 3"), *Identification Document* tal-imputat (NS 4 – *a fol.* 15) u vera kopja tal-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest (Dok. "NS 5" – *a fol.* 46 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> ghad-domanda jekk hux minnu li l-imputat kien ilu jghix fl-appartament in kwistjoni ghal numru ta' snin, wiegeb: *"Iva, fil-fatt il-kundizzjonijiet anke tal-bail kienu fuq l-istess indirizz"* (*a fol.* 41). Ikkonferma li dik hija r-residenza fissa tal-imputat. Mistoqsi jghid jekk hux minnu li l-imputat ilu jghix Malta ghal dawn l-ahhar ghaxar snin, wiegeb li ma jafx ezatt kemm ilu jghix Malta l-imputat pero' jikkonferma li ilu diversi snin u li huwa domiciljat Malta.

In <u>kontro-ezami</u>, li tkompla fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2018 (*a fol.* 359 *et seq.*), ghad-domanda min kien jghix mal-imputat meta

saret it-tfittxija fil-fond fejn allegatament giet elevata d-droga, wiegeb li jekk mhux sejjer zbaljat fl-istqarrija rilaxxata minnu l-imputat jghid li kien jghix wahdu hemmhekk. Ghad-domanda jekk l-imputat qallux li qattx kien ikkomoda persuni ohra fl-appartament, wiegeb li dik il-mistoqsija ma ghamililux lill-imputat u jghid li ma jiftakarx li tkellmu fuqha.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2015, xehed ukoll PC **243 Clayton Frendo** (*a fol.* 48 *et seq.*) fejn spjega li fis-26 ta' Frar 2015 kien xoghol *second watch* flimkien ma' PS 518 u PC 1500 fejn qal li kellhom jezegwixxu mandat fuq l-imputat li jirrisjedi 42, "Meadows", Triq l-Alka, San Pawl il-Bahar. Jghid li huma marru wara l-bieb tar-residenza tal-imputat jistennewh hiereg u li hekk kif l-imputat hareg ghall-habta tal-4.00pm, PS 518 u PC 1500 marru fuqu biex ikellmuh. Jghid li huwa kien prezenti wkoll u li PS 518 ghamel tfittxija fuq il-persuna tal-imputat u fuqu sablu l-ammont ta' sitt mitt Euro (€600) fi flus kontanti u kif ukoll zewg *mobile phones,* wiehed tal-ghamla Nokia u iehor tal-ghamla Samsung. Jghid li l-imputat indikalhom li kellu l-vettura pparkjata fl-istess triq u li minn tfittxija li ghamel hu (PC 243) go fiha ma nstab xejn illegali. Jghid li dahlu fir-residenza tal-imputat u bdiet issir tfittxija minnu (PC 243) fil-kamra tas-sodda fejn jghid li f'*chest of drawers* sab erba' *mobile phones* (tnejn Samsung u tnejn Nokia) u fil-gwardarobba sab zewg boroz zghar b'ghoqda fit-tarf: wahda ta' kulur iswed u ohra transparenti bi trab abjad. Spjega wkoll li go bagalja fil-kamra tas-sodda li kienet fil-kantuniera sabu elf u erba' mitt Euro (€1,400) go *envelope* kannella u kif ukoll xi hwejjeg ohra. Jghid li minn hemm komplew it-tfittxija fil-kcina fejn huwa (PC 243) sab zewg pakketti ohra bi plastik abjad bhal ma kien sab fil-gwardarobba fil-kamra tas-sodda pero' it-trab hawn kien kannella. Jixhed li fil-kcina kien hemm sufan jinfetah li kellu l-qiegh vojt u taht dan is-sufan kien hemm borza kbira sewda li go fiha kien hemm hafna affarijiet li jghid li kienu: borza bajda b'weraq ahdar suspettat *cannabis,* bicca rezina go borza trasparenti suspettata *cannabis,* borza ohra trasparenti b'weraq ahdar u fl-istess borza kien hemm hmistax il-pakkett zghir ippakjati b'weraq ahdar l-istess bhal ma kien hemm fil-borza l-kbira. Jghid li go l-istess borza sewda kbira taht is-sufan, sabu wkoll zewg kapsoli bi trab kannella suspettat eroina u zewg

kapsoli u nofs bi trab abjad suspettat kokajina. Jghid li sabu wkoll hdax il-pakkett bi *plastic bags* zghar bhal ma rrifera ghalihom qabel minnhom vojta u sabu wkoll zewg imwiezen zghar, bott abjad bi trab abjad, zewg pilloli bojod u *crusher* gol-istess borza. Jghid li l-imputat gie nfurmat bid-drittijiet legali tieghu u li gie nfurmat ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Sant. Jghid li l-iSpettur Sant mar fuq il-post u nnota dak kollu li sabu. Ezebixxa l-*prime note* li gew immarkati bhala Dok. "CF" (*a fol.* 52).

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2015, xehed ukoll **PC 1500 Alfred Cutajar** (*a fol.* 53 *et seq.*) fejn qal li fis-26 ta' Frar 2015 kellhom struzzjonijiet minn ghand l-iSpettur Sant sabiex jezegwixxu mandat fuq l-imputat fir-residenza "The Meadows", Flat Number 42, Triq l-Alka, San Pawl il-Bahar. Jghid li huwa mar fuq il-post flimkien ma' PS 518 u PC 243 fejn ghall-habta tal-4.00pm l-imputat gie nnutat hiereg mid-dar, f'liema hin gie mwaqqaf u saret tfittxija fuqu. Jghid li fuq l-imputat nstabet is-somma ta' sitt mitt Euro (€600) u kif ukoll zewg *mobile phones*. Jghid li saret tfittxija fil-vettura tal-imputat u li minn hemm baqghu sejrin fir-residenza tal-imputat fejn saret tfittxija fil-prezenza tieghu. Jispjega li t-tfittxija bdiet fil-kamra tas-sodda tal-imputat fejn minn go bagalja li kien hemm gew elevati elf u hames mitt Euro (€1500). Jghid li t-tfittxija tkompliet fil-kcina fejn minn taht sufan li kien hemm minn go *garbage bag* ta' kulur iswed elevaw ammont ta' suspettati droga fejn fosthom kien hemm suspettati *grass*, suspettati wkoll rezina tal-*cannabis*, u li go borza kien hemm ukoll madwar hmistax il-pakkett zghir mimlijin suspettati *grass*. Jghid li elevaw ukoll *crusher* u xi mwiezen zghar. Meta gie mistoqsi jghid ghal liema sustanza qed jirreferi meta jghid *"suspettati grass"*, wiegeb li kien qed jirreferi ghal *cannabis*. Jghid li elevaw ukoll erba' *mobile phones* u li gie kkunttjat l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Sant li mar fuq il-post.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' April 2015, xehed **PS 518 Anthony Degiovanni** (*a fol.* 70 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tas-26 ta' Frar 2015 bdiet osservazzjoni wara li rcieva informazzjoni fuq l-imputat rigward traffikar tad-droga fiz-zona ta' San Pawl il-Bahar. Jispjega li ghall-habta tal-4.00pm l-imputat hareg mill-appartament tieghu li jismu "The Meadows", Appartament Numru 42, Triq l-Alka, San

Pawl il-Bahar fejn saret tfittxija fuqu fejn nstabu hames mitt Euro (€500) u mitt Euro (€100) separati u kif ukoll zewg *mobile phones* (wiehed Nokia u iehor Samsung). Jghid li permezz ta' mandat, dahlu fl-appartament tal-imputat, liema appartament jghid li jikkonsisti fil-kamra tas-sodda, kcina u kamra tal-banju. Jixhed li mill-kamra tas-sodda gew elevati erba' boroz, tlieta minnhom b'materjal kannella u borza ohra b'materjal abjad. Jispjega li dawn gew elevati u li f'bagalja fl-istess kamra kien hemm elf u hames mitt Euro (€1,500) go *envelope* kannella u go kexxun fil-gradenza kien hemm erba' *mobile phones* li kienu mitfija. Jghid li fil-kexxun tal-*cupboard* tal-kcina kien hemm zewg boroz simili ghal dawk li nstabu fil-kamra tas-sodda bi trab kannella u taht is-sufan li tahtu kellu *storage* (li jahseb jintuza bhala sodda wkoll) kien hemm *garbage bag* jew borza ta' lewn iswed li go fiha kien hemm bosta affarijiet relatati mad-droga. Spjega li kien hemm zewg kapsoli u nofs (2½) ta' trab abjad, zewg kapsoli u nofs (2½) bi trab kannella, zewg boroz b'ammont suspettati *cannabis grass*, borza tas-sigaretti b'rezina tal-*cannabis* kif ukoll xi *crushers* u zewg imwiezen elettronici. Jixhed li minn hemmhekk tkompliet it-tfittxija u li ma nstab xejn izjed relatat mad-droga u li gie nfurmat l-iSpettur.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid kemm il-kamra tas-sodda hemm fil-post in kwistjoni, wiegeb li hemm wahda. Mistoqsi jghid jekk setghux jiddeterminaw jekk kienx hemm persuni ohra li kienu jirrisjedu fil-post, wiegeb: *"Le l-affarijiet kienu jidhru li kienu kollha tieghu"* (*a fol.* 72). Jghid li l-imputat ma qalilhom xejn f'dan is-sens.

**PS 518 Anthony Degiovanni** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-6 ta' Awwissu 2015 (*a fol.* 122) fejn meta gie muri Dok. "NS 2" (*a fol.* 44) qal li dan id-dokument huwa dikjarazzjoni ta' rifjut ghall-parir legali.

**PS 518 Anthony Degiovanni** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2017 (*a fol.* 331) fejn meta gie muri Dok. "NS 1" (*a fol.* 43) qal li din hija ricevuta ghal xi flus kontanti li nstabtu waqt it-tfittxija li saret fl-appartament tal-imputat, liema flus kienu jammontaw ghal elfejn u mitt Euro (€2100). Jixhed li dan id-dokument gie ffirmat kemm minnu u kif ukoll mill-imputat.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2015, xehed **Ix-Xjenzat Godwin Sammut** (*a fol.* 88 *et seq.*) fejn spjega li fis-26 ta' Frar 2015 gie mahtur mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman sabiex jaghmel analizi ta' sustanza suspettata droga li nstabet f'"The Meadows", Appartament 42, San Pawl il-Bahar. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "GS" (fl-ahhar ta' Volum 1). Ghad-domanda tal-Ufficjal Prosekutur Sant fir-rigward tal-kokajina li x-Xjenzat qal li l-purita' taghha kienet 16%, jekk hijiex dik normali jew purita' qawwija iktar minn normal, wiegeb: *"Le, hija within the range li tinstab is-soltu fit-triq"* (*a fol.* 89). Mistoqsi mill-Qorti kif diversament preseduta x'inhuma r-*ranges* li s-soltu jinstabu, wiegeb: *"Jekk niftakar sew bejn 15% and 10% u 30%"* (*a fol.* 89).

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Awwissu 2015, xehed **PS 612 Theo Vella** (*a fol.* 118) fejn spjega li fis-26 ta' Frar 2015 kien gie mahtur bhala *Scene of the Crime Officer* mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman sabiex jaccedi gewwa appartament bin-numru 42, "The Meadows", Triq l-Alka, San Pawl il-Bahar. Jghid li ha numru ta' ritratti li jirrizultaw minn relazzjoni mhejjija minnu u minn PS 644 Evan Camilleri liema relazzjoni giet immarkata bhala Dok. "TV 1" (fl-ahhar ta' Volum 1). Jispjega wkoll li gew elevati diversi oggetti suspettati droga u relatati mad-droga li kienu nstabu aktar qabel mill-membri tad-*Drug Squad*. Jghid li l-ezebiti li hemm indikati fir-relazzjoni gew mghoddija lix-Xjenzat Sammut.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Awwissu 2015, xehed ukoll **PS 659 Jeffrey Hughes** (*a fol.* 120 *et seq.*) fejn spjega li huwa kien nominat fl-Inkjesta Magisterjali bhala espert sabiex jezamina xi oggetti. Gie awtorizzat jirtira d-dokumenti li ghamel riferenza ghalihom waqt id-depozizzjoni tieghu u dana sabiex ikun jista' jespleta l-inkarigu moghti lilu.

**PS 659 Jeffrey Hughes** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 184) fejn filwaqt li rritorna l-ezebiti li kien irtira mir-Registru tal-Qorti, ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "JH 1" (*a fol.* 185 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Settembru 2015, xehed **PS 644 Evan Camilleri** (*a fol.* 128) fejn spjega li gie nominat flimkien ma' PS 612 Theo Vella fl-Inkjesta Magisterjali. Meta ra r-relazzjoni Dok. "TV 1" (fl-ahhar ta' Volum 1) ikkonferma li din hija r-relazzjoni li huwa ghamel flimkien ma' PS 612 Theo Vella u li anness ma' l-istess relazzjoni hemm *envelope* li fih faxxiklu bir-ritratti li hadhom hu stess (PS 644).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2015, xehed **il-Perit Richard Aquilina** (*a fol.* 143) fejn spjega li gie nominat mill-Qorti biex jaghmel pjanta li tindika l-post ta' fejn kien jabita l-imputat u l-postijiet f'distanza ta' mhux aktar minn mitt metru fejn jistghu jiltaqghu z-zaghzagh. Jghid li huwa acceda fuq il-post. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "RA 1" (*a fol.* 144 *et seq.*) fejn b'ittra "X" jidher il-post fejn jabita l-imputat u cirku ta' mitt metru bil-postijiet relatati.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2015, xehed **Dr. John Seychell Navarro** (*a fol.* 155 *et seq.*) fejn spjega li kien qed jipprezenta kopja ta' rapport iehor li kienet saret f'kawza ohra, li gie mmarkat bhala Dok. "JSN 1" (*Envelope Loose*).

Illi, fis-seduta tas-26 ta' April 2016, xehed **Dr. Martin Bajada** (*a fol.* 176) fejn spjega li kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Miriam Hayman fis-26 ta' Frar 2015 sabiex janalizza l-kontenut ta' seba' oggetti fosthom cellulari u *laptop*. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "MB 1" (*Envelope Loose*) u rritorna s-seba' oggetti moghtija fil-mori tal-Inkjesta.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2016, xehed **Joseph Mallia** (*a fol.* 242) fejn ghamel riferenza ghal dak li gie awtorizzat li jaghmel in ezekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilu. Spjega li bhala konkluzjonijiet fir-rapport tieghu qal li kien hemm impronti digitali li kienu tajbin ghall-fini ta' komparazzjoni u kien hemm ohrajn li ma kienux pero' dawk li kienu tajbin ghall-fini ta' komparazzjoni, l-ebda impronta ma kienet taqbel ma' ta' Mohammed Kouruma. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JM 1" (*a fol.* 243 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Frar 2018, xehed l-**Assistent Kummissarju Dennis Theuma** (*a fol.* 339 *et seq.*) fejn filwaqt li rrifera ghal Dok. "NS 5" (*a fol.* 46 *et seq.*), identifika u gharaf lill-imputat fl-awla u jghid li huwa l-istess persuna li huwa stess kien ressaq il-Qorti madwar sena qabel fuq kaz separat. Jixhed li Dok. "NS 5" (*a fol.* 46 *et seq.*) huwa d-digriet li kienet inghata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-kaz li hu kien u ghadu l-Ufficjal Prosekutur fiha, liema digriet huwa datat 1 ta' Frar 2011 fejn l-imputat inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet. Wara li ra dokumenti li jinsabu *a fol.* 56 u 57 tal-process qal li dawn ghandhom x'jaqsmu ma' talbiet li ghamel l-imputat fil-kawza fejn huwa l-Ufficjal Prosekutur fiha.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2020, xehed l-imputat **Mohammed Kouruma** (*a fol.* 372 *et seq.*) minn jeddu u b'mod volontarju fejn meta gie mistoqsi jghid kemm kien ilu jghix fir-residenza tieghu fejn il-Pulizija sabu d-droga, wiegeb li kienu ilu jghix hemm tliet snin. Jghid li kien ihallas il-kera. Mistoqsi jghid kemm kienu jghixu nies fl-appartament, wiegeb li fil-bidu kien joqghodu wahdu u li eventwalment, wara sentejn, mar persuna ohra joqghod mieghu li dam jghix hemm sena. Jghid li dan il-persuna kienu jismu Johnny u kien mill-Ghana. Mistoqsi jghid ta' min kienet id-droga li nstabet u li tirrigwarda dan il-kaz, wiegeb li kienet tappartjeni li dan Johnny. Mistoqsi jghid x'sar minnu dan il-persuna wara din is-sena li semma' u jekk baqax b'kuntatt mieghu jew le, wiegeb fin-negattiv u qal li mindu gie arrestat ma kienx hemm aktar kuntatt mieghu.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk meta marru l-Pulizija jaghmlu tfittxija fir-residenza in kwistjoni jekk dan Johnny kienx qed jghix hemm mal-imputat dak il-hin, wiegeb: *"Kien ghadu joqghod mieghi dak iz-zmien imma meta gejt arrestat jien dak il-hin ma kienx hemm Johnny"* (*a fol.* 373). Jghid li waqt l-arrest dan Johnny kellu hwejgu hemm fir-residenza u kif ukoll kellu affarijiet ohra u xi droga wkoll. Mistoqsi jghid jekk hu kienx konsapevoli ta' dak li kien qed jaghmel Johnny fir-rigward tad-droga, wiegeb: *"Jien kont konxju ta' dak li kien qed jaghmel. Huwa kien jitlob lili biex nghinu imma"* (*a fol.* 373-374). Jippreciza li Johnny kien jitolbu biex jghinu mhux in konnessjoni mad-droga pero' biex jospitah fl-appartament tieghu. Jichad li

Johnny qatt talbu biex jghinu fit-tqassim tad-droga pero' jghid li talbu jippermettielu jorqod hemm peress li ma kellux fejn jorqod. Jikkonferma li kien konsapevoli li kien qed isir tqassim ta' droga mir-residenza fejn kienu qed jghixu t-tnejn li huma. Jghid li kien jaf li dan kien reat kriminali. Mitlub jghid ghala ppermetta li jsiru dawn l-affarijiet, wiegeb li hu pprova jinfluwenza lil Johnny biex ma jkompliex jaghmel din l-attivita' pero' jghid li Johnny irrezista u ma semax minnu. Jghid li bhala kera hu (l-imputat) kien ihallas erba' mitt Euro (€400) fix-xahar u li minn dan l-ammont Johnny kien ihallsu mitejn Euro (€200).

Ghad-domanda: *"Meta lill-Pulizija tahom din il-verzjoni li kien hemm dan il-persuna jghix hemmhekk dan imsemmi Johnny mill-Ghana, inkun qed nghid sew li l-Pulizija talbuh ghal aktar dettalji mhux just isem u nazzjonalita' ghal dan Johnny izda ma' dan ma tax din l-informazzjoni biex jinstab l-identita' ta' dan Johnny?"* (*a fol.* 374), it-twegiba tal-imputat mill-interpretu hija: *"Lill-Pulizija jekk miniex sejjer zball dakinhar tal-istatement tieghi tajtu wkoll in-numru tat-telefon ta' din il-persuna"* (*a fol.* 374-375). Mitlub jghid jekk huwa (l-imputat) kienx jaghmel abbuz minn xi tip ta' droga, wiegeb fin-negattiv.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-istqarrija (*a fol.* 15 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat, wara li kkonsulta ma' Dr. Veronique Dalli, l-imputat qal li huwa guvni u li ghandu tifel ta' ghaxar snin. Spjega li kien jahdem fil-kostruzzjoni pero' issa ilu sitt xhur wieqaf mix-xoghol. Mistoqsi jghid ta' min huma s-sustanzi suspettati droga li nstabu waqt tfittxija fir-residenza tieghu Flat Nru. 42, "The Meadows", Triq l-Alka, San Pawl il-Bahar, wiegeb li dawk tahomlu xi hadd biex izommhom. Ghad-domanda: *"Mela kif meta konna fuq il-post inti ghidt li kienu tieghek?"* (*a fol.* 16), wiegeb li hu qal li ried ikellem lill-iSpettur u li kien vera li d-droga kienu nstabu fid-dar tieghu. Mistoqsi jghid min hu dan il-persuna li tah id-droga, wiegeb li ma jafx x'jismu pero' jghid li hu jafu u li jsejjahlu Johnny. Lil dan Johnny jiddeskrivih bhala persuna ta' karnaggjon iswed, ghandu daqsu fl-eta', huwa mill-Ghana, ghandu dokumenti Taljani u li joqghod Bugibba pero' ma jafx ezatt fejn. Mistoqsi jghid xi ftehim ghandu

ma' dan Johnny, wiegeb: *"Jiena ltqajt mieghu gewwa bar f'Bugibba. Dan kien qalli li ma kellux fejn joqghod meta gie mill-Italja. Jiena zammejtu ghandi u dam ghandi xi xahrejn jew tlieta. U qabel ma tlaqt l-Italja kien hallili xi xoghol imma issa rega' gie"* (*a fol.* 16). Ghad-domanda x'kienu qed jaghmlu hemmhekk dawk l-ammonti ta' droga, wiegeb li hu (l-imputat) ipejjep il-*cannabis*. Ikkonferma li kien hemm zewg kapsoli u nofs eroina u jghid li l-persuna li semma halliehom ghandu. Ikkonferma wkoll li kien hemm ukoll zewg kapsoli u nofs kokajina. Mistoqsi jghid kemm fiha grammi kull kapsola, wiegeb li ma jafx. Mistoqsi xi jghid jekk jinghad lilu li kull kapsola tizen hmistax-il gramma, wiegeb li ma jafx. Ghad-domanda: *"Jekk nghidlek li dawk il-kapsoli kienu qeghdin hemm sabiex inti tbieghhom lil nies ohra, xi tghid?"* (*a fol.* 16), wiegeb: *"Jiena nghin lil John biex inbiegh id-droga ghax huwa gie li cempilli u qalli biex nassistih"* (*a fol.* 16). Mistoqsi jghid kemm ilu jbiegh id-droga hu (l-imputat), wiegeb li hu ma jbieghx droga. Mistoqsi jghid jaqbilx li kellu madwar sittin gramma raza tal-*cannabis*, wiegeb li ma jafx kemm kien hemm. Jichad li kien ser jittraffika wkoll din ir-raza tal-*cannabis*. Mistoqsi jghid x'inhi s-sustanza li l-Pulizija sabet fi hmistax il-pakkett tal-plastik zghir trasparenti *sealable bags* ta' madwar tliet grammi u nofs kull pakkett, b'sustanza tal-haxixa gewwa fihom, wiegeb li dik hija haxixa tal-*cannabis*. Jichad li kien hu li ppakkja din il-haxixa tal-*cannabis* f'dawn is-*sealable bags*. Mistoqsi jghid x'kienu qed jaghmlu il-mijiet ta' *sealable bags* godda li l-Pulizija sabu, wiegeb: *"Huwa gabhom"* (*a fol.* 17). Mitlub jikkonferma jekk hux minnu li dawn il-*plastic bags* kienu qeghdin hemm sabiex hu (l-imputat) iqassam id-droga fihom, wiegeb: *"Le huwa gabhom u meta jkollu bzonn xi haga, jigi ghalihom"* (*a fol.* 17). Jichad li huwa (l-imputat) ilu jittraffika d-droga eroina, kokajina u *cannabis* ghal dawn l-ahhar tliet snin. Mistoqsi jghid ghal liema skop kien ghandu l-mizien elettroniku, wiegeb: *"Huwa ta' dan ir-ragel ukoll"* (*a fol.* 17). Mistoqsi jghid jekk huwa qattx mess dawn l-affarijiet, wiegeb li huwa gie li messhom ghall-uzu tieghu personali. Jichad li l-mizien kien jinsab hemm sabiex hu jippakkja d-droga fi kwantitajiet zghar u ezatti qabel ibieghhom. Mistoqsi jghid kemm ibieghu pakkett haxixa tal-*cannabis*, wiegeb: *"Meta jiena nixtri minn ghandu, jiena nixtrih ghaxar Euros"* (*a fol.* 17). Mistoqsi jghid kemm jaqla' minn kull pakkett haxixa tal-*cannabis*, jghid li ma jafx.

Mistoqsi jghid kemm ibiegh ir-raza tal-*cannabis*, jghid li ma jbieghhiex. Meta gie mitlub xi jghid kieku nghad lilu li huwa jbiegh anke kapsoli shah, wiegeb li ma jbieghx. Ikkonferma li ghandu kazijiet pendenti quddiem il-Qrati Maltin u jghid li ghandu kaz fuq droga. Ikkonferma wkoll li huwa jinsab bil-liberta' provizorja u li huwa obbligat izomm mar-regoli stretti li tatu l-Qorti, fosthom li ma jaghmel l-ebda reat. Ghad-domanda jekk huwa jghix wahdu fl-appartament li nstab u fejn saret it-tfittxija, wiegeb fl-affermattiv. Jghid li jhallas mitejn u ghaxar Euro (€210) kera. Mitlub jispjega x'inhi l-provenjenza tas-somma ta' elfejn u mitt Euro (€2,100) li nstabet fl-appartament tieghu, wiegeb: *"Ghax jiena naghmel xi xoghol zghir. Minn dan il-qliegh gie dak il-flus"* (*a fol.* 17). Fir-rigward tal-*mobile phones* li nstabu, gie mistoqsi jghid liema minnhom juza', liema huma bil-hsara u liema huma n-numri taghhom inkluz il-kumpanija li hu abbonat maghhom, wiegeb li hemm hafna ma jahdmux. Jghid ukoll: *"Tlieta huma tieghi, Nokia, Samsung, Samsung zghir. Nokia ma' Vodaone number 99696223, Samsung zghir Vodafone u Samsung il-kbir Melita. L-ohrajn ma nafx in-numri"* (*a fol.* 18). Mitlub jikkonferma li huwa jbiegh id-droga billi n-nies imorru jhabbtu wara l-bieb wara li hu jifthilhom mill-*intercom* tal-istess appartament, wiegeb: *"Hbieb tieghi jigu jarawni imma mhux xerrejja"* (*a fol.* 18). Mitlub jghid minn fejn igib id-droga, jghid li huwa ma jgibx droga. Jichad li d-droga li jgib huwa jhallatha b'sustanzi ohra halli jaghmilha volum akbar.

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma vera u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet

dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*.

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-Pulizija kellhom mandat fil-konfront tal-imputat u li b'hekk bdiet taghmillu osservazzjoni fejn ir-residenza tieghu f'San Pawl il-Bahar u li in segwitu tal-imsemmi mandat l-imputat gie arrestat fis-26 ta' Frar 2015 hekk kif huwa kien qed javvicina l-vettura tieghu. Minn tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat instabu diversi affarijiet, fosthom borza kbira sewda li

fiha kien hemm borza bajda b'weraq ahdar suspettat *cannabis*, bicca rezina go borza trasparenti suspettata *cannabis*, borza ohra trasparenti b'weraq ahdar u fl-istess borza kien hemm hmistax il-pakkett zghir ippakjati b'weraq ahdar l-istess bhal ma kien hemm fil-borza l-kbira. Instabu wkoll zewg kapsoli bi trab kannella suspettat eroina u zewg kapsoli u nofs bi trab abjad suspettat kokajina u nstabu wkoll hdax il-pakkett bi *plastic bags* zghir vojta, zewg imwiezen zghar, bott abjad bi trab abjad, zewg pilloli bojod u *crusher* gol-istess borza.

Illi eventwalment gew intavolati l-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat u l-imputat gie akkuzat b'pussess aggravat ta' kokajina, eroina, tal-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha, tar-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, talli kiser kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet tal-liberta' provizorja, u tal-aggravju tal-mitt metru. Filwaqt li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 383), il-Prosekuzzjoni rrimettiet ruhha fuq l-evidenza li kienet giet prodotta mill-Prosekuzzjoni, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 384 *et seq.*) id-difiza tishaq ghala l-imputat ghandu jigi liberat mill-imsemmija imputazzjonijiet.

Illi, qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li jsiru numru ta' konsiderazzjonijiet generali:

- <u>Stqarrija rilaxxata mill-imputat fis-26 ta' Frar 2015 (*a fol.* 15 *et seq.*)</u>: Illi l-Qorti tinnota li minkejja li d-dritt ghall-assistenza legali <u>qabel</u> l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010 (u cioé qabel l-imputat irrilaxxa l-istqarrija tieghu) u minkejja li l-imputat inghata dan id-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat u jirrizulta li huwa ezercita dan id-dritt, jirrizulta wkoll li l-imputat ma nghatax id-dritt li jkollu avukat prezenti mieghu <u>waqt</u> it-tehid ta' tali stqarrija u dana *stante* li dan ma kienx possibbli fiz-zmien meta ttiehdet l-istqarrija in kwistjoni.

Illi l-Qorti hija konxja ta' dak li gie deciz ricentement mill-Qrati Maltin fir-rigward ta' stqarrijiet rilaxxati minn persuni arrestati li nghataw id-dritt li jikkonsultaw ruhhom ma' avukat qabel ittiehdet l-istqarrija taghhom pero' l-avukat ma setghax ikun prezenti waqt it-tehid ta' tali stqarrija (bhal fil-kaz odjern). Il-Qorti hija konxja, fost l-ohrajn, ta' dak li gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Dicembru 2018 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Aldo Pistella** u kif ukoll ta' dak li gie deciz mill-istess Qorti aktar ricentement fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martino Aiello** deciza fis-27 ta' Marzu 2020.

Illi ghal kull buon fini l-Qorti tinnota li l-imputat xehed f'dawn il-proceduri minn jeddu u b'mod volontarju. Il-Qorti tinnota wkoll li fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2021 (*a fol.* 390 *et seq.*) id-difiza stiednet lill-Qorti sabiex tiehu konjizzjoni tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat. Il-Qorti b'hekk ser tiehu konjizzjoni tal-imsemmija stqarrija. Ovvjament il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni wkoll id-depozizzjoni moghtija mill-imputat f'dawn il-proceduri.

- <u>Kontro-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 347)</u>: Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 384 *et seq.*), id-difiza, filwaqt li taghmel riferenza ghall-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali, tishaq, fost l-ohrajn, li ladarba l-Avukat Generali naqas li jaghmel riferenza ghal xi artikolu tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta b'hekk l-imputat ma jistax jinstab hati tal-imputazzjonijiet li jemergu minnu.

  Il-Qorti tinnota li *ai termini* ta' Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa l-Avukat Generali li jordna jekk persuna akkuzata b'reat kontra Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jigix mressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex). Huwa Artikolu 31 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid li minkejja li l-Avukat Generali jkun ordna li persuna tigi processata mill-Qorti Kriminali li huwa jista' f'kull zmien qabel ma jipprezenta l-Att tal-Akkuza jew

f'kull zmien wara li jipprezenta l-Att tal-Akkuza u qabel ma jintghazel il-guri, u bil-kunsens tal-akkuzat, jordna li dik il-persuna tigi processata quddiem il-Qorti tal-Magistrati u malli jsir dak l-ordni (maghruf bhala l-Kontro-Ordni) li l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tkun kompetenti li tipprocessa lil dik il-persuna daqs li kieku ma jkun inghata ebda ordni qabel. *Ai termini* ta' Artikolu 32 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta:

> "Minkejja d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 370 tal-Kodici Kriminali u bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 31, il-Qorti tal-Magistrati tkun kompetenti li tipprocessa r-reati kollha kontra din l-Ordinanza kif ordnat mill-Avukat Ġenerali skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 22(2)".

M'huwiex rikjest mill-Avukat Generali li jindika l-Artikoli tal-Ligi tal-imputazzjonijiet li jemergu minn Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan gie konfermat f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Marzu 2021 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Matthew Zarb**.

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1), it-Tieni (2), it-Tielet (3) u r-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Pussess Aggravat Ta' Kokajina)</u>**
**<u>(Pussess Aggravat Ta' Eroina)</u>**
**<u>(Pussess Aggravat Tal-Pjanta *Cannabis* Kollha Jew Bicca Minnha)</u>**
**<u>(Pussess Aggravat Tar-Raza Mehuda mill-Pjanta *Cannabis* Jew Xi Preparazzjonijiet Li Jkollhom Bhala Bazi Din ir-Raza):</u>**

Illi taht dawn l-erba' imputazzjonijiet l-imputat qed jigi akkuzat b'pussess aggravat. Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marius Magri** deciza fit-12 ta' Mejju 2005, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kinitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-Prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, *ossia* cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. **Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio** [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** [2.9.1999].)
>
> Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-Gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-Gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi *hard and fast rule* x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assiem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-Gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-Gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli. (App. Krim. **Il-Pulizija vs. Brian Caruana** [23.5.2002])".

Illi fis-sentenza taghha tat-18 ta' Awwissu 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Abela**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet hekk:

> "Li stabbilit li kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li ndizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti

> pero` trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma' uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat, imqar fuq bazi ta' probabbilta`, li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101".

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni moghtija fit-2 ta' Settembru 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Mallia**, fejn il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> "Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni [l-*animus* li jispacca d-droga] allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni <u>mhix mehtiega</u> ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali *"li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati"*. Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga <u>li mhix bi hsiebha tuza</u>, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga *ossia* jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Mifsud**, deciza fis-27 ta' Ottubru 2010, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Dwar il-pussess aggravat tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fis-

sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mohammed Ben Hassen Trabelsi** tas-17 ta' Frar 1997 dwar kif il-kwistjoni ta' jekk ammont ta' droga jkunx ghall-uzu esklussiv ta' l-imputat *o meno* ghandha tigi ezaminata: *"l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` l-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-Prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu eskluzziv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu eskluzziv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101""*.

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta li l-imputat kien jirrisjedi fil-fond fejn instabet id-droga in kwistjoni, u cioé Flat Numru 42, "The Meadows", Triq l-Alka, San Pawl il-Bahar. Jirrizulta wkoll kif u fejn l-Ufficjali tal-Pulizija li dahlu fil-fond in kwistjoni sabu din id-droga u, a skans ta' ripetizzjoni, issir riferenza ghas-sommarju tad-depozizzjoni moghtija minnhom li jinsab aktar il-fuq f'din is-sentenza.

Illi l-Qorti tinnota s-segwenti:

- L-imputat jishaq, kemm meta rrilaxxa l-istqarrija lill-Pulizija dakinhar tas-26 ta' Frar 2015 u kif ukoll meta xehed quddiem il-Qorti, li d-droga li nstabet fir-residenza tieghu ma kinitx tieghu pero' kienet ta' persuna ohra li huwa jirriferi ghaliha bhala Johnny.

- Meta fl-istqarrija l-imputat gie mitlub jiddeskrivi lil dan Johnny, l-imputat wiegeb hekk: *"Huwa iswed, ghandu qisu daqsi, mill-Ghana imma ghandu dokumenti Taljani. Dan joqghod Bugibba imma ma nafx ezatt"* (*a fol.* 16).

- Filwaqt li fl-istqarrija rilaxxata minnu l-imputat jghid li dan Johnny dam joqghod ghandu madwar xahrejn jew tlieta, fid-depozizzjoni moghtija minnu quddiem il-Qorti huwa qal li Johnny dam jghix ghandu sena.

- Jinghad mill-imputat li anke l-mizien elettroniku li nstab u numru konsiderevoli ta' boroz kienu ta' Johnny.

- Meta l-imputat gie mistoqsi jghid in kontro-ezami quddiem il-Qorti jekk hu kienx konsapevoli ta' dak li kien qed jaghmel Johnny fir-rigward tad-droga, wiegeb: *"Jien kont konxju ta' dak li kien qed jaghmel"* (*a fol.* 373).

- Fl-istess kontro-ezami tieghu, l-imputat jikkonferma li kien konsapevoli li kien qed isir tqassim ta' droga mir-residenza fejn kienu qed jghixu Johnny u hu. Jghid li kien jaf li dan kien reat kriminali.

Illi l-Qorti ssibha ferma difficli temmen lill-imputat fis-segwenti:

- li huwa laqa' ghandu persuna li jafu biss bl-isem ta' Johnny u li mentri fl-istqarrija jghid li dan Johnny dam ghandu xahrejn jew tlieta, fid-depozizzjoni quddiem il-Qorti jghid li dam sena;

- kieku, ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument BISS, il-Qorti taccetta llum il-gurnata r-ragunament tal-imputat li ma jafx fejn jinsab dan Johnny u x'sar minnu, pero' fl-istess waqt il-Qorti ma tista' qatt taccetta bhala veritjier dak li nghad mill-imputat meta rrilaxxa l-istqarrija tieghu li dakinhar ma kienx jaf fejn kien joqghod Johnny f'Bugibba li *del resto* l-imputat jghid kien halla l-affarijiet ghandu;

- li ma kellux aktar dettalji ta' dan Johnny!

Illi l-Qorti tistaqsi s-segwenti:

- ladarba Johnny rega' rritorna lura mill-Italja u rega' gie lura Malta, allura l-Qorti filwaqt li taghmel riferenza ghall-istqarrija tal-imputat u ghad-depozizzjoni moghtija minnu, tistaqsi x'inhi r-raguni ghala dan Johnny kien ghad fadallu hwejgu u affarijiet ohra (inkluz id-droga) fir-residenza tal-imputat?!

- l-imputat jghid li laqa' lil dan Johnny fir-residenza tieghu u ppermettielu jorqod hemm peress li skond l-imputat Johnny ma kellux fejn jorqod. Il-Qorti tistaqsi: huwa kredibbli l-imputat meta jghid li jaf li lil dan il-persuna li jsejjahlu Johnny u ma kienx jaf x'jismu u kunjomu?

- ladarba l-imputat kien konsapevoli ta' dak li kien qed jaghmel Johnny fir-rigward tad-droga u minkejja li l-imputat jixhed in kontro-ezami li Johnny kien jitolbu jghinu, il-Qorti tistaqsi ghala l-imputat ma hax hsieb li l-affarijiet li Johnny kien halla warajh fir-residenza tieghu ma jehodhomx lura immedjatament u jehles minnhom sabiex ma jigix fl-inkwiet?!

Illi l-Qorti tinnota wkoll li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 384 *et seq.*) id-difiza tirrikonoxxi s-segwenti: *"Illi l-Prosekuzzjoni ser tissottometti illi din il-verzjoni ma tistax titwemmen ghaliex huwa facli ferm li meta persuna tinstab fil-pussess ta' droga tghid li dawk mhux tieghu. Facli wkoll illi tghid li dawk id-drogi huma ta' persuna ohra minghajr ma taghti dettalji ta' dik il-persuna u iktar u iktar meta dik il-persuna li ssemmi tghid li ghandha isem komuni bhal "Johnny". Id-difiza tikkoncedi illi mhux facli ghall-Qorti li temmen din il-verzjoni ta' l-esponent"* (*a fol.* 387) u zzid ukoll *"li kieku tali verzonijiet ma' kinitx korroborrata minn fatt iehor ippruvat u cioé illi fuq il-boroz kontenenti d-droga nstabu impronti digitali pero' ma jaqblux ma' ta' l-esponenti"* (*a fol.* 387).

Illi minkejja li fl-ezercizzju ta' ezami komparattiv li l-Espert Joseph Mallia gie nkarigat jaghmel fir-rapport tieghu (Dok. "JM 1" – *a fol.* 243 *et seq.*) jirrizulta li mill-impronti li kienu tajbin ghall-komparazzjoni l-ebda impronta ma qablet ma' dawk ta' l-imputat u minkejja li mir-rapport (Dok. "MB 1" – *Envelope Loose*) redatt minn Dr. Martin Bajada ma jirrizulta xejn fir-rigward tal-imputazzjonijiet in ezami, pero' tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-verzjoni moghtija mill-imputat meta jghid li d-droga misjuba fir-residenza tieghu ma kinitx tieghu pero' hija ta' dak li huwa jsejjahlu bhala Johnny m'hijiex wahda kredibbli. Il-Qorti tasal ukoll ghal din il-konkluzjoni tenut kont ta' dak li jirrizulta mill-istqarrija rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija u tal-mod

kif l-imputat ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti (inkluz il-komportament tieghu) meta xehed.

Illi b'zieda ma' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti tinnota li fir-rapport (Dok. "GS" – fl-ahhar ta' Volum 1) ix-Xjenzat Godwin Sammut ikkonkluda s-segwenti:

> *"(a) Illi fuq estratti mehuda mis-sustanzi ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 094_15_03 instabet is-sustanza <u>Tetrahydrocannabinol</u>. Il-piz total tas-sustanzi kien ta' <u>54.87 grammi</u> u l-purita' kienet ta' cirka 6.5%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*
>
> *(b) Skond il-Malta National Report 2014 il-valur ta' cannabis resin huwa ta' €21 kull gramma. Dan jaghti valur total ta' €1,152.27.*
>
> *(c) Illi fuq estratti mehuda mill-haxix ta' lewn ahdar li hemm fid-dokument 094_15_03 instabet is-sustanza <u>Tetrahydrocannabinol</u>. Il-piz total tal-haxix kien ta' <u>166.18 grammi</u> u l-purita' kienet ta' cirka 6.0%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tall-Kannabis u hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*
>
> *(d) Skont il-Malta National Report 2014 il-valur tal-cannabis herb huwa ta' €25 kull gramma. Dan jaghti valur total ta' €4,154.50.*
>
> *(e) Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 094_15_03 instabet is-sustanza <u>Kokaina</u>. Il-piz tat-trab kien ta' <u>22.22 grammi</u> u l-purita' kienet ta' cirka 16%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*
>
> *(f) Skont il-Malta National Report 2014 il-valur tal-Kokaina huwa ta' €50 kull gramma. Dan jaghti valur total ta' €1,111.*

*(g) Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 094_15_03 instabet is-sustanza Eroina. Il-piz tat-trab kien ta' 34.37 grammi u l-purita' kienet ta' cirka 20%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*(h) Skont il-Malta National Report 2014 il-valur ta' Kokaina huwa ta' €58 kull gramma. Dan jaghti valur total ta' €1,993.46.*

*(i) Illi fuq swabs mehuda mill-crusher u minn fuq mizien li hemm fid-dokument 094_15_03 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol".*

Illi, in segwitu ta' dak kollu li nghad hawn fuq, inkluz il-gurisprudenza kkwotata aktar-il fuq, id-depozizzjonijiet moghtija mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri u kif ukoll mill-konkluzjonijiet raggunti mix-Xjenzat Godwin Sammut fir-rapport tieghu, mehud in konsiderazzjoni wkoll ta' dak li nstab u li gie elevat u l-ammont ta' droga misjuba, il-Qorti ma ghandu jkollha l-ebda dubju li l-ewwel erba' (4) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghhom.

**Il-Hames (5) Imputazzjoni**
**(Ksur ta' Digriet li Bih l-Imputat Inghata l-Liberta' Provizorja):**

Illi l-Qorti tinnota li l-atti processwali jikkontjenu vera kopja ta' Digriet (Dok. "NS 5" – *a fol.* 46 *et seq.*) datat 1 ta' Frar 2011 fejn l-imputat inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet. Il-Qorti tinnota wkoll li fid-depozizzjoni moghtija minnu l-Assistent Kummissarju Dennis Theuma, filwaqt li ghamel riferenza ghad-dokument appena msemmi, identifika lill-imputat fil-kawza odjerna bhala l-istess persuna fil-konfront ta' min inghataw il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja in kwistjoni f'kawza ohra li huwa kien u ghadu l-Ufficjal Prosekutur fiha. B'hekk saret il-prova necessarja dwar l-identifikazzjoni tal-imputat u tal-vigenza tal-proceduri penali fil-mument tal-kommissjoni tad-delitt ta' natura volontarja.

Ghaldaqstant il-Qorti m'ghandhiex dubju li din l-imputazzjoni giet ukoll sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha wkoll.

**<u>Is-Sitt (6) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Aggravju tal-Mitt Metru)</u>:**
Illi s-sitt (6) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat tirrigwarda l-aggravju tal-mitt metru u dana *ai termini* tal-*proviso* ta' Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> "Izda wkoll meta persuna tinsab hatja kif provdut fil-paragrafu (a)(i) jew fil-paragrafu (b)(i) u r-reat ikun sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, *club* jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh […], il-piena tizdied bi grad."

Illi fir-rapport tieghu (Dok. "RA 1" – *a fol.* 144 *et seq.*), il-Perit Richard Aquilina rrelata, fost l-ohrajn, hekk: *"l-esponent gie nnominat sabiex jaghmel pjanta tal-lokalita' fejn jinsab il-fond "The Meadows" go Triq l-Alka, Bugibba, u fiha jindika l-postijiet fejn jistghu jiltaqghu z-zghazagh, liema postijiet huma f'distanza ta' mhux aktar minn mitt metru minn dan il-fond "* (*a fol.* 145). F'dan ir-rapport, il-Perit Aquilina ndika s-segwenti li jaqghu f'distanza ta' mitt metru: San Pawl Hotel, Russian House Supermarket, Jester Take-Away, Santa Maria Resort, A Mancata Restaurant, Frank's Tavern Restaurant, Oasis Tours, Tis Tours, New China Kingdom Restaurant, San Anton Resort, Spaghetti Junction Restaurant, u 7 Whites Bar & Restaurant.

Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 384 *et seq.*) id-difiza tissottometti li fir-rapport tieghu l-Perit Aquilina rrelata li fil-vicinanzi ta' inqas minn mitt metro mill-fond fejn instabet id-droga hemm numru ta' ristoranti. Id-difiza taghmel riferenza <u>biss</u> ghal ristoranti. Kif jirrizulta mill-paragrafu precedenti ma kienx hemm ristoranti biss fil-vicinanzi tal-fond pero' kien hemm ukoll, fost l-ohrajn *"supermarket"* u *"bar & restaurant"*!

Mehud in konsiderazzjoni dan kollu jirrizulta li s-sitt (6) imputazzjoni *ossia* aggravju gie wkoll pruvat.

**Ikkunsidrat**

Illi huma l-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tal-imputat li gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jinstab hati tal-imputazzjonijiet kollha.

Illi, dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti tinnota li fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Novembru 2006 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rene sive Nazzareno Micallef** inghad is-segwenti:

> "Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta'. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena".

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabbilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu. Ghalhekk jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u *entro* dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita' tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fit-13 ta' Novembru 2009 fil-kawza **Il-Pulizija vs. Maurice Agius** dik il-Qorti qalet hekk:

> "Huwa car [....] li l-ewwel haga li Qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mil-ligi stess) mizuri bhal ordnijiet maghmula taht l-Att dwar il-*Probation* jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-Gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioé biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-Gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza *o meno*. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-Gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioé biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi *o meno* tali piena (ghal perjodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni [...]; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta'

priguneriја ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioé ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati)".

Filwaqt illi din il-Qorti tikkondividi ma' dan il-hsieb espost hawn fuq, fl-istess hin tinnota li kull kaz irid jigi determinat a bazi tac-cirkostanzi partikolari tieghu. *Di fatti*, apparti li l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq, ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni s-segwenti:

- in-natura serja tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat, li kollha kemm huma gew sodisfacentement pruvati;

- il-fedina penali (*a fol.* 4) tal-imputat li hija wahda nadifa;

- l-ammont ta' droga misjub, li m'huwiex wiehed zghir; u

- il-fatt li l-verzjoni moghtija mill-imputat ma gietx emnuta mill-Qorti.

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ser tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' priguneriја effettiva u ghall-hlas ta' multa.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti,

wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 20 ta' April 2018 u senjatament Artikoli 17(b) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

u

kif ukoll wara li rat

Taqsimiet IV u VI, Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u

Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta,

issib lill-imputat Mohammed Kouruma hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' tliet (3) snin prigunerija u kif ukoll ghall-hlas ta' multa ta' tlitt'elef Euro (€3000.00).

*Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri, u cioé is-somma ta' erbat'elef, mija u tnejn u tmenin Euro u sebgha u tletin centezmu (€4182.37).[1]

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita (u tal-affarijiet relatati maghha) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi Process Verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Finalment, il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hati.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**

[1] Xjenzat Godwin Sammut (€365.92) (Dok. "GS" – fl-ahhar ta' Volum 1); PS 612 Theo Vella u PS 644 Evan Camilleri (€187.35) (Dok. "TV 1" – fl-ahhar ta' Volum 1); Perit Richard Aquilina (€212.94) (Dok. "RA 1" – *a fol.* 148); PS 659 Jeffrey Hughes (€373.51) (Dok. "JH 1" – *a fol.* 189); Joseph Mallia (€779.41) (Dok. "JM 1" – *a fol.* 256); Dr. John Seychell Navarro (€1542.26) (Dok. "JSN 1" – *Envelope Loose*); Dr. Martin Bajada (€720.98) (*a fol.* 5 *tergo* ta' Dok. "MB 1" – *Envelope Loose*).